FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 21 TA' FRAR, 2002**

**Numru:**

**Avviz Nru: 1457/01 JB**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Schembri sija bil-polza sija bil-ligi u l-istess Andrew Schembri**

**vs**

**Don Axiaq**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm877.17c (tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmi) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni

sofferti mis-socjeta attrici fl-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Gunju 2000 fi Triq il-Mistra, Mellieha bejn vettura numru ta' registrazzjoni JAD 129 misjuqa mill-konvenut u l-vettura JBB 567 misjuqa minn Vannessa Schembri u proprjeta' tal-assikurat Andrew Schembri, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn.

Li l-imsemmi incident gara b' tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imprezja u nuqqas ta' tharis tar-regolarmenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni u inkuzi wkoll l-ispejjes tal-konsult (Lm6).

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lill- Dr. Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx ;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta'  Lm 877.17c ( tmien mija, u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu) rappresentanti danni sofferiti mis-socjeta attrici fl-incident awtomobilistiku tat- 3 ta' Gunju, 2002 fi Triq il-Mistra, Mellieha, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**